MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

**ADJUDICATOR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Sitting of the 5 th March, 2013

Talba Number. 22/2008

**EneMalta Corporation**
**Vs**
**Asfaltar Limited (C-8313)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tmien mija u tnax-il Lira antiki Maltin u tnejn u tmenin centezmu (LM812.82) ossia elf tmien mija u tlieta u disghin ewro u sitta u tlettin cenetzmu (€1,893.36) in linea ta' danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici f'*cables* tad-dawl li sehhew nhar il-25 ta' Lulju, 2005 gewwa Triq San Tumas, Luqa; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat- 23 ta' Jannar 2007, u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepixxiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ghandhom jigu respinti kontra l-istess korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-ammont rapprezentati danni

kkagunati bi hsarat fil-*cables* tad-dawl gewwa Triq San Tumas, Hal-Luqa, mhuwiex dovut jithallas mis-socjeta' konvenuta peress li l-istess socjeta' konvenuta qatt ma kellha incidenti illi b'xi mod setaw waslu ghal danni sofferti mill-korporazjoni attrici; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda ta' Joseph Formosa, Eric Montford, Mark Cauchi, Jacqueline Busuttil, u David Zerafa prodotti mill-Korporazzjni attrici;

Ra x-xhieda ta' PS 679 Saviour Camilleri prodott mill-Koproazzjoni attrici;

Ra x-xhieda ta' Vince Borg, direttur tas-socjeta konvenuta u prodott mis-socjeta konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta;

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta tal- 4 t'Ottubru, 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidera:**
Il-Korporazzjoni attrici ssostni li hija s-socjeta' konvenuta li hi responsabbli ghad-danni ghall-hsara kkaggunata minhabba x-xoghol tat-thaffir li kienet qieghda taghmel is-socjeta' konvenuta fit-triq in kwistjoni. Min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta tikkontesta li hi kienet involuta fl-incident.

Mix-xhieda prodotta mill-Korporazzjoni attrici, l-incident sehh nhar il-25 ta' Lulju 2005, fit-triq San Tumas f'Hal Luqa . Dan gie fil-konjizzjoni tal-Korporazzjoni attrici ghaliex kien irrapurtat minn terzi li parti minn Hal Luqa kienet minghajr dawl.

Illi kienu qed isiru xoghlijiet minn Asfaltar Limited fuq inkarigu tal-Enemalta biex jaghmlu trinka biex jghaddu

cables godda[1]. Waqt li kienu qeghdin jaghmlu xoghlijiet, minn Asfaltar Limited, gie milqut *cable* tal- *high tension*. Gie dikjarat illi l-wicc tat-triq kien kollu maqlugh u ghalhekk Mark Cauchi, l-bniedem li kellu jaghmel il-marki[2], ma setax jaghmilhom fit-triq imma ghamilhom mal-hajt u qal ukoll li f'dawn il-kazijiet dan il-bniedem ukoll jfiehem precizament lill-kuntrattur fejn huma ghadejjien il-*cables*[3]*.* Mark Cauchi qal illi gie nfurmat mill-*foreman*, David Zerafa, illi kien se jsir xi xoghol f'Hal Luqa minn Asfaltar Limited u li kellhom jitghaddew *cables* godda. Illi hu kien mar biex jimmarka fejn kienu l-*cables* u kien immarka l-hajt ghaliex it-triq kienet maqlugha[4]. Hu ddikjara illi l-marka li tkun fuq il-hajt jindika il-qisien ezatt ghalhekk jekk jikteb "2.5 meters", 2.5 metres 'l isfel isib *high voltage cable*. Dakinhar meta mar id-dawl kien mar mal-*foreman* u laqtu 'l-*cable* li kien indika hu stess u li kien il-qies li kien specifika hu. Huma dakinhar kienu wrew lill-haddiema li fejn sar l-incident kien hemm il-marka ukoll.

David Zerafa kkonferma dan kollu w indika li tkellem mal-impjegati t' Asfaltar Limited u tkellem ma' Paul Magro t' Asfaltar Limited li kien informah li l-haddiema tieghu nsew li kien hemm *cable* hemmhekk.

PS 679 Saviour Camilleri xehed u kkonferma li tkellem ma' Joseph Formosa u ma' Paul Magro li jahdem ghall-Asfaltar li qallu li laqtu *cable* tal -*high tension*.

Fir-rigward ta' danni, Jacqueline Busuttil ipprezentat *invoice* u *statement* fl-ammont ta' elf tmin mija u tlieta u disghin ewro u sitta u tlettin cenetzmu (€1,893.36) li ma giex ikkontestat.[5]

Is-socjeta' konvenuta pproduciet lil Perit Sandro Borg, li ddikjara li Asfaltar dahlu fi ftehim ma' Frattelli Anastasi li kienu bbazati fi Sqallija biex jissupplixxu makkinarju biex jaghmlu xoghlijiet f'Luqa Road, Qormi Road u Mdina Road

---

[1] Ara xhieda ta' David Zerafa, a fol 18, u ta' Joseph Formosa.
[2] Ara xhieda ta Joseph Formosa, a fol. 9, u x-xhieda ta' Mark Cauchi, a fol. 13.
[3] Ara xhieda, a fol 9, tal process.
[4] Dan gie ikkonefrmat minn David Zerafa, a fol 18.
[5] Ara fol. 62 u 63 tal-process

f'Haz-Zebbug. Esebixxa permess li nghata lil Fratelli Anastasi biex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet.

Illi f'din il-kawza m'hemmx kontestazzjoni li ntlaqat *cable* tad-dawl illi pero' t-tilwima hija li s-socjeta' konvenuta qieghda tallega li qatt ma kienet involuta f'incidenti. Illi huwa pacifiku illi jekk hassew illi ma kienux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna huma kellhom jindikaw min kien dan hekk skont il-ligi fit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar u ghalhekk taghti lis-socjeta' atttrici l-opportunita' li tiehu passi kontra t-terz. Illi ghalkemm gie pprezentat dokument li juri li Frattelli Anastasi kienu responsabbli ghat-toroq, illi pero' johrog illi qatt ma kien hemm indikazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta (kemm meta sehh l-incident u kemm meta ghamlu r-risposta) li kien hemm terzi involuti. Illi anke fil-gurnata li sehh l-incident kien hemm prezenti Paul Magro, li tkellem mal-Pulizija, kien hu wkoll tkellem ma' diversi rapprezentanti tal-korporazzjoni Enemalta li ddikjaraw illi kienu gew inkarigati Asfaltar Limited biex jaghmlu x-xoghol. Infatti fir-rapport tal-pulizija gie mnizzel: "*Magri of Asfaltar stated that he was digging the trench to change said cables and hit them..*". Qatt ma ssemma li kien hemm kuntrattur iehor. Illi ghalhekk jidher li hemm ammissjoni da parti ta' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Illi jidher ukoll illi dakinhar lanqas darba ma ssemmew Fratelli Anastasi lill- Enemalta u lanqas lill-pulizija.

Huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija tas-socjeta' konvenuta f'kawza civili hija differenti ghal kollox minn kawza kriminali u ghanda tkun fuq bilanc ta' probabilitajiet. Illi ghahekk ghalkemm jidher illi l-permess kien fuq it-terzi pero' xorta wahda dakinhar il-provi jindikaw illi kienu Asfaltar Limited li kienu qeghdin jahdmu hemm.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi l-grad probatorju rikjest mill-ligi huwa sodisfatt ghal dak li jirrigwarda htija kolpuza da parti tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ghandu jistrieh fuq il-verzjoni tas-socjeta' attrici li f'dan il-kaz huwa bizzejjed biex jiskagunawha mill-htija.

Ghal dawn il-mottivi, t-Tribunal, jilqa’ t-talbiet attrici, fis-somma t’ elf tmien mija u tlieta u disghin ewro u sitta u tlettin cenetzmu (€1,893.36) bl-imghax jithallas sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes kollha jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------